

# IĊ-ĊIEFA

Wieħed mill-akbar u mill-ftit agħsafar li jbejtu fil-Gżejjer Maltin hija ċ-Ċiefa. Dan l-għasfur, li jbejjet fl-irdumijiet u qalb il-blat fin-Nofsinhar ta' Malta u Għawdex, huwa pelaġiku, jiġifieri jqatta' ħajtu kollha fuq il-baħar u jersaq lejn l-art biex ibejjet biss.

Iċ-Ċiefa hija twila 48cm bil-fetħa tal-ġwienaħ tilħaq ma' l-115cm. Il-partijiet ta' fuq huma kannella fil-griż b'denb aktar skur, filwaqt li l-pinen tal-ġwienaħ huma suwed. Ir-rix ta' taħt huwa bajdani. Il-munqar għandu l-ponta tal-parti ta' fuq mgħawġa 'l isfel biex igħinha taqbad il-ħut, u huwa ffurmat minn ħafna biċċiet. L-imnifsejn huma fuq barra forma ta' żewġ tubi u dawn x'aktarx igħinuha biex issib il-bejta fid-dlam ċappa. Fil-bejta u viċin ikun hemm riħa qawwija ta' ħut

Is-saqajn qegħdin lura fil-ġisem waqt li s-swaba' huma magħqudin b'rita bħal tal-papri. Fuq l-art timxi billi titkaxkar fuq il-qasab ta' saqajha. Kemm dawn is-saqajn kif ukoll il-ġwienah twal u dojoq huma bżonnjużi għall-ħajja ta' fuq il-baħar fejn iċ-Ċiefa tqatta' ħajjitha ttir mingħajr waqfien għal ħinijiet twal. Iċ-Ċiefa, li tbejjet f'kolonji, tersaq lejn l-art bil-lejl biss ġeneralment meta ma jkunx hemm il-qamar.

Iċ-Ċiefa tibda tersaq lejn l-art għall-aħħar ta' Frar u tibda żżur il-post tal-bejta li ġeneralment tkun l-istess tas-snin ta' qabel. Il-par jibqa' fidil lejn xulxin sakemm wieħed minnhom imut. F'Marzu jibda żmien in-namra u fil-kolonji jkun hemm ħafna għajjat li jixbah il-biki ta' trabi. L-għajta tar-raġel hija irqaq minn dik tal-mara.

*Ċiefa fil-bejta, f'toqba fil-blat.*

ALFRED E BALDACCHINO



Għall-aħħar ta' Marzu, il-mara tbid bajda waħda ta' lewn bajdani matt li tkun tawwalija u ftit akbar minn ta' tiġieġa. Kemm il-mara kif ukoll ir-raġel joqogħdu fuq il-bajda darba kull wieħed.

Għall-ewwel il-bejta tkun biss ħofra żgħira forma ta' ċirku u biż-żmien timtela bi zkuk li ssib fil-viċin u rix li twaqqa' minn ġisimha stess. Seba' ġimgħat wara li l-ferħ ifaqqas, dan ikun miksi b'suf folt griż li jipproteġih mill-kesha u l-umdita' tal-blat. Għall-ewwel ġimgħa wieħed mix-xjuħ jibqa' jsaħħnu filwaqt li l-ieħor igib l-ikel bil-lejl. Ġimagħtejn wara li jfaqqas il-ġenituri jitilquh waħdu u jibdew iżuruh bil-lejl biex jitimgħuh l-ikel li jikkonsisti f'ħut bħal kavalli u sawrell.

Il-ferħ jiekol billi jdaħħal munqaru ġewwa dak tax-xjuħ, u dawn itellgħu l-ikel mill-istonku. L-akbar żewġ egħdewwa għal dawn l-agħsafar huma l-far u l-bniedem. Ta' l-ewwel jattakkaw il-frieħ u tat-tieni jeqirdu x-xjuħ minn fuq il-baħar.

*Poster maħruġ mill-MOS li jappella għall-waqfien tal-qerda taċ-Ċief*




ALFRED E BALDACCHINO



*Ferħ taċ-Ċief*

Wara li jgħaddu disa' gimgħat minn fuqu, il-ferħ iwaqqa' s-suf kollu u minn floku jtella' kisja ta' rix li tixbaħ lil dik tax-xjuħ. Ġimagħtejn qabel iħalli l-bejta l-ġenituri jabbandunawh u jħalluh bil-ġuħ. Wara xi ġranet sajjem, iħalli l-bejta u jibda jfendi għal rasu. Ix-xaħam żejjed li jkollu jonqoslu matul is-sawma, kif ukoll iservih matul iż-żmien li jieħu biex jitgħallem sewwa kif jaqbad l-ikel. Il-kolonji jkunu vojta sa l-aħħar t'Ottubru. L-akbar u l-aktar kolonji importanti fil-gżejjer Maltin tinstab fin-Nofsinhar t'Għawdex, f'Ta' Ċenċ. Dawn l-irdumijiet huma ma' l-400 pied għolja u fihom hemm ibejtu 'l fuq minn 500 par. Minn Marzu sa Settembru wieħed jista' jilmaħ ħafna Ċief jittajru ftit kilometri 'l barra mill-kosta speċjalment meta jkun riħ qawwi. Qabel jidlam ħafna Ċief jinġabru flimkien f'numri kbar, jistennew il-ħin biex jidlam halli jibdew deħlin lejn il-bejtiet.

Ħaga kerha u ta' min jistmerra hija meta xi nies irresponsabbli joħorġu jisparaw fuq iċ-Ċief għall-gost egoistiku tagħhom! Ġeneralment hekk jintemm dan l-għasfur li jdum mat-tmien xhur ibejjet, b'riżultat li n-numru ta' Ċief f'pajjiżna dejjem qed jonqos. Fuq kollox dan l-għasfur huwa mħares bil-liġi, jiġifieri ma jistax jinqabad jew jinqatel. Għalhekk hemm bżonn nitgħallmu napprezzaw l-agħsafar kollha fl-ambjent naturali tagħhom qabel ikun tard wisq.

JOHN BORG